

# Il-Perit Dom Mintoff, President Onorarju

## *jingħata Ġieħ Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem*

Il-Kumitat Internazzjonali għall-*Award Al-Gaddafi* għad-Drittijiet tal-Bniedem ta l-premju tiegħu għas-sena 2008 lill-Perit Dom Mintoff, li kien Prim Ministru ta' Malta għal erba' darbiet u huwa wkoll President Onorarju tal-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Huwa kien ukoll President ta' dan il-Każin għal madwar 50 sena u għalhekk huwa xieraq li l-President u l-Kumitat jifirħu lill-Perit Dom Mintoff għal dan il-ġieħ li ngħata.

Dan l-unur li jingħata kull sena kellu l-bidu tiegħu fl-1988 meta twaqqaf mill-Mexxej Libjan Muammar Gaddafi flimkien mal-Isvizzeru Jean Ziegler u jingħata mill-Fondazzjoni bbażata fl-Isvizzera *North South*.

Huwa premju internazzjonali għal personalitajiet, għaqdiet jew organizzazzjonijiet li kkontribwew bis-sħiħ u taw servizz umanitarju mhux komuni b'ħidmiethom sfiqa biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u jipproteġu kawżi ta' ħelsien u jaħdmu għas-sliem fid-dinja kollha. Fost dawk li ngħataw dan l-unur fl-imgħoddi nsibu lil Hugo Chavez u Nelson Mandela.

Għal dan l-unur mogħti lill-Perit Dom Mintoff, il-Kumitat stqarr li fl-apprezzament lejn il-mexxejja onorabbli tat-tramuntana, li ħadmu għall-ġustizzja u d-drittijiet u li ddefendew il-kawżi ta' ġnus oppressi,

speċjalment fil-Palestina u l-Iraq, il-Kumitat Internazzjonali tal-*Award Al-Gaddafi* għall-paċi għas-sena 2008 jingħata lill-Mexxej Ewropew u Ex Prim Ministru ta' Malta.

Għalhekk hu xieraq li l-President u l-Kumitat tal-Każin tal-Banda jsellmu lill-Perit Dom Mintoff u jifirħulu għal dan il-ġieħ internazzjonali li kiseb.


**Firm Frank Attard** Est. 1928

**Good Service for three generations**

**Glass Cutters • Frame Makers • Ironmongery • Household**

*Tailor-made frames for your pictures and other sentimental objects.*

Over **800** profiles & **280** mountboards to choose from

*Standing, frameless & box-frames also available*

**Main Street & Hompesch Street, Żabbar • Tel/Fax: 2189 7527**



**ALBION GARAGE**

*Hire Service Buses*

*& Mini Buses*

**Diamond Jubilee Square, Mqabba**

**Tel: 2168 3025 • Mob: 9947 1703 / 9944 3542**